31998R0575

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 575/98
tat-12 ta' Marzu 1998
dwar il-ħruġ tal-liċenzji ta' l-importazzjoni għar-ross u r-ross imkisser taħt l-applikazzjonijiet mibgħuta taħt l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 327/98(lott addizzjonali għal Jannar 1998)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 327/98 ta' l-10 ta' Frar 1998 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffa għall-importazzjoni tar-ross u ross imkisser [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 327/98 li jipprovdu għall-ftuħ ta' lott addizzjonali għall-ħruġ tal-liċenzji ta' l-importazzjoni għal Jannar 1998; billi l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' dan il-lott addizzjonali għandhom jintefgħu matul l-ewwel 10 ġranet tax-xogħol ta' wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 327/98;

Billi, skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 327/98, fi żmien 10 ġranet mid-data ta' l-għeluq għan-notifika mill-Istati Membri ta' l-applikazzjonijiet tal-liċenzji, il-Kummissjoni trid tiddeċidi sa liema punt l-applikazzjonijiet jistgħu jkunu aċċettati u tistabbilixxi l-kwantitajiet disponibbli taħt il-lott li ġej;

Billi eżami tal-kwantitajiet li għalihom intefgħu l-applikazzjoni juri li l-liċenzji għandhom jinħarġu għall-kwantitajiet li applikaw għalihom immoltiplikati, fejn ikun il-każ, b'persentaġġi tat-tnaqqis skond id-disposizzjoniet ta' l-Anness mehmuż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għar-ross u r-ross miksur kontra l-applikazzjonijiet mitfugħa taħt l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 327/98 u nnotifikati lill-Kummissjoni għandhom jinħarġu għall-kwantitajiet li applikaw għalihom immoltiplikati, fejn ikun il-każ b'persentaġġi tat-tnaqqis ippreżentat fl-Anness mehmuż.

2. Il-kwantitajiet disponibbli taħt il-lott li ġej għandhom ikunu kif ippreżentati fl-Anness mehmuż.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-12 ta' Marzu 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 37, tal-11.2.1998, p. 5.

ANNESS

Il-persentaġġi tat-tnaqqis li għandhom ikunu applikati għall-kwantitajiet li applikaw għalihom u l-kwantitajiet disponibbli tal-lott li ġej:

(i) il-kwantità rriferuta fl-Artikolu 2(2)(i): ross parzjalment miħun jew miħun kollu li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 30

Oriġini	% ta' tnaqqis	Kwantità disponibbli għal-lott ta' April 1998 (f'tunnellati metriċi)
Tajlandja	0 (1)	7 875

(1) Ħarġa tal-kwantità li applikaw għaliha

(ii) il-kwantità riferuta fl-Artikolu 2(2)(ii): ross miksur li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 40 00

Oriġini	% ta' tnaqqis	Kwantità disponibbli għal-lott ta' April 1998 (f'tunnellati metriċi)
Tajlandja	0 (1)	28 240
Awstralja	75	6 457
Guyana	0 (1)	8 503
Stati Uniti ta' l-Amerika	0 (1)	3 641
Oriġini oħra	90,7616	7 240

(1) Ħarġa tal-kwantità li applikaw għaliha